MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 121/2005

**Maltacom plc.**

**-vs-**

**Doreen Busuttil.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-2 ta' Frar, 2005 li permezz tieghu s-socjeta' attrici esponiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru. 1720/97 RCP) giet deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju 1999, u fl-istess kawza l-konvenuta giet ikkundannata thallas lis-Socjeta Kummercjali Maltacom plc s-somma ta' Lm1982.88 (elf disa'

mija tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 246572, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenuta ma hallset xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikat, oltre Lm259.66 (mitejn disa u hamsin lira u sitta u sittin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A", flimkien ma Lm859.24 (tmien mija disa u hamsin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sad-9 ta' Novembru, 2004, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm3101.78 (tlett elef mija u lira u tmienja u sebghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr. Keith Grech, I.D 17073(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici.

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

**Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------